MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 60

25 ta' Lulju 2016

Minuti tas-seduta Nru. 60 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 25 ta' Lulju 2016 fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier H. Fenech li għarraf illi kien indispost permezz ta' imejl datat 12 ta' Lulju 2016.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament bl-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 11.3. **(Ref: P/4/26)** u talab li tiġi emendata kif ġej:

"11.3. Il-Kunsillier P. Cutajar ikkummenta li dan il-ftehim għandu jkun konsistenti ma' dak tax-Xelters tat-Tieni Gwerra u tal-Batterija ta' Westreme, fis-sens li għandu jkun hemm *supervisory committee* bħala ħolqa ta' komunikazzjoni bejn il-Kunsill u s-Soċjetà. Flimkien ma' dan għandha wkoll ikun hemm klawsola fis-sens li s-Soċjetà għandu jkollha l-obbligu li torganizza *open day* meta l-pubbliku in ġenerali jingħatalu aċċess mingħajr ħlas. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna li minħabba illi l-ftehim ta' devoluzzjoni mad-Dipartiment tal-Artijiet jipprovdi li l-kirja hija *renewable for further terms at three years each unless either party notifies the other party to the contrary prior to the expiration of any current term*, it-terminu tal-ftehim ma' Din l-Art Ħelwa għandu jkun regolat bl-istess mod.".

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 59 li saret fl-14 ta' Lulju 2016 ġew approvati bl-emenda skont il-minuta 1.1. u għaldaqstant kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Sejħa Nru. 8/2015 – Manutenzjoni u żamma ta' latrini pubbliċi (L/3/Vol III)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 4.1.1. tas-seduta ta' qabel, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li fl-20 ta' Lulju 2016, kien hemm laqgħa mal-Avv. Charlene Grima u s-Sur Paul Cardona dwar l-eżitù tal-appell li sar quddiem il-*Public Contracts Review* Board rigward is-sejħa għall-offerti msemmija

ħawn fuq. Għall-istess laqgħa attendew il-konsulent legali tal-Kunsill l-Avv.Alfred Abela, flimkien mal-Viċi Sindku C. Bartolo, E. Bartolo, J. Gauci u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

2.1.3. Fl-istess laqgħa l-Avv. Abela spjega li fid-dawl tal-kjarifiki maħruġa mill-PCRB jeħtieġ li tinħareġ sejħa gdida għall-offerti. Huwa aċċenna għall-fatt li d-deċiżjoni mogħtija fir-rigward tal-appell mressaq minn Absolute Cleaners Ltd hija konfliġġenti ma' dik mogħtija fil-każ tas-Sur Paul Cardona, u għalhekk xi forma ta' kjarifika kienet meħtieġa. Huwa fakkar li fl-ewwel tweġiba li ngħatat, il-PCRB kien evażiv, iżda fit-tieni waħda li ngħatat, wara pressjoni li saret min-naħa tal-Kunsill, il-Bord wieġeb li għandha ssir sejħa mill-ġdid. Għaldaqstant, il-Kunsill huwa kostrett li jimxi skont din id-deċiżjoni, minkejja li jemmen illi kien hemm soluzzjoni aktar faċli u ġusta.

2.1.4. L-Avv. Grima rribattiet li l-kjarifiki li ngħataw mill-PCRB ma jistgħux jittieħdu bis-serjetà meta jitqies li dawn ingħataw b'sempliċi imejl. Hija qalet ukoll li f'Mejju 2016 hija kitbet lill-PCRB dwar dan, iżda baqgħet ma ngħatatx tweġiba. Hija qalet li l-klijent tagħha kien lest imur il-Qorti.

2.1.5. L-Avv. Abela qal li jekk il-każ jittieħed il-Qorti, din id-darba huwa l-PCRB li jrid iwieġeb u mhux il-Kunsill. Minkejja dan, huwa ma jara xejn ħażin min-naħa tiegħu li ssir talba oħra lill-Bord biex tingħata tweġiba aktar formali, fuq l-istess livell tad-deċiżjoni oriġinali.

2.1.6. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 2.1.5, kif ukoll iddeċieda li għandu jingħata żmien sal-31 ta' Awwissu 2016 sabiex il-PCRB ikun jista' iwieġeb.

### 2.2.1. Eżitù tal-kawża Gouder vs Kunsill Lokali tal-Mellieħa et (T/4/13/Vol XII)

2.2.2. Saret referenza għall-minuta 2.2.1. tas-seduta ta' qabel sabiex il-Kunsill ġie mgħarraf li permezz ta' imejl datat 25 ta' Lulju 2016 il-perit appuntat mill-Qorti fil-kawża msemmija – is-Sur David Pace - ser ikun qed jressaq rikors billi ma huwiex f'pożizzjoni li jsegwi l-esekuzzjoni tas-sentenza għar rigward tax-xogħlijiet in kwistjoni. Dan billi ma jistax jaċċetta perizji minħabba l-kariga tiegħu ta' Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar fl-Uffiċċju tal-Ombudsman.

2.2.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u kien tal-fehma li għandu jinkiseb il-parir tal-konsulent legali dwar dan.

### 2.3.1. Fteħim dwar il-kustodja tat-Torri l-Abjad mill-Soċjetà Din l-Art Ħelwa (P/4/26)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 11.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li ġiet iffissata data ma' Din l-Art Ħelwa għat-2 ta' Awwissu 2016 fis-6.00pm. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li ntalab jattendi għaliha l-konsulent legali tal-Kunsill.

2.3.3. Il-Kunsill ħa nota.

### 2.4.1. Sorveljanza tal-*bring-in sites* (K/6/10/Vol III)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 12.1. u qal li kellu laqgħa fuq il-post mal-Ing. Joseph Azzopardi minn Galea Curmi Engineering Consultants Ltd, fejn hemm il-*bring-in sites* fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi u fi Triq Qasam Barrani. Fir-rigward tal-ewwel, jidher li kemm-il darba titħalla fil-post eżistenti ikun meħtieġ li jsir arblu u trinka fit-tarmak, filwaqt li fi Triq Qasam Barrani ma jidhirx li hemm problemi. L-Inġ. Azzopardi huwa tal-ideja li s-sistema tkun tittrasmetti l-immaġini permezz tal-wi-fi.

2.4.3. Fid-dawl ta' punti mressqa dwar l-effettività tal-*cameras* u s-sorveljanza kontinwa li jeħtieġu, kif ukoll is-servizz bieb-bieb li qed jingħata darbtejn fil-ġimgħa, flimkien mas-servizz tal-ġbir tal-ħġieġ fl-ewwel ġimgħa tax-xahar, qamet diskussjoni dwar jekk it-tliet *bring-in sites* li jinsabu f'żoni urbani, għandhomx jitneħħew għal kollox, jew le. Intqal ukoll li dan ikun konsistenti mal-ġbir tal-iskart imħallat, f'liema każ tneħħew l-i*skips* kollha fiż-żoni residenzjali.

2.4.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jiġi stabbilit jekk s-sistema tad-depożitu ta' skart fil-*bring-in sites* huwiex obbligatorju skont il-*policy* tal-gvern ċentrali.

2.4.5. Is-Sindku ppropona li ssir laqgħa ta' konsultazzjoni dwar dan is-suġġett mad-diriġenti ta' Green MT Ltd

## 3.0. Tqegħid ta'Karti

- *Purchase Request Form* – 22/07/16;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 09/06/16 – 21/07/16
- Skeda ta' Pagamenti – 12/07/16 – 22/07/16;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Inċident fi Triq il-Manikata (D/5/Vol II)

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 12 ta' Lulju 2016, indirizzata lill-Kunsill u lill-Transport Malta, mibgħuta mill-Avv. Ian Stafrace, f'isem il-klijenti tiegħu Josianne u Joseph Dimech, wara li fid-29 ta' Awwissu 2014, l-istess Josianne Dimech flimkien mat-tliet uliedha waqgħet bil-vettura tagħha LAG 091 minn Triq il-Manikata. Huma qed jallegaw li dan l-inċident kien ikkawżat bi traskuraġni, imperizja u nuqqas da parti tal-awtoritajiet kompetenti. Għaldaqstant qed jitolbu li jiġu likwidati d-danni sofferti.

4.1.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li sar kuntatt mal-konsulent legali tal-Kunsill, li min-naħa tiegħu ħejja abbozz ta' tweġiba li ġiet moqrija waqt is-seduta. L-abbozz ġie approvat.

### 4.2.1. Skema ta' Restawr għall-Kunsilli Lokali (R/2/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għal Ċirkulari 9/2016 datata 22 ta' Ġunju 2016, mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skema li ser tagħti lill-Kunsilli Lokali l-opportunita` li jidentifikaw siti fil-lokalitajiet tagħhom li jeħtieġu restawr. L-iskema ser tagħlaq fl-aħħar ta' Awwissu 2016. Ser ikun hemm bord li javalwa l-proġetti li għandhom jingħataw prijorità. Skont il-linji gwida li ngħataw, ir-restawr jista' jinvolvi niċeċ fuq barra, funtani, statwi tal-ġebel, monumenti, faċċati ta' binjiet importanti, kappelli fil-kampanja jew oħrajn, torrijiet qodma u faċċati ta' bini antik u ta' valur storiku. Il-beni li fuqhom issir l-applikazzjoni ma jridux ikunu devoluti lill-Kunsill. Jistgħu jiġu proposti sa massimu ta' proġett wieħed taħt din l-iskema.

4.2.3. Is-Segretarju fakkar li fl-edizzjoni tas-sena ta' qabel kienet saret applikazzjoni fir-rigward tar-razzett li hemm fuq il-gżira ta' Selmunett, liema talba ma kinitx ġiet approvata peress li fit-tliet snin ta' qabel il-lokalità kienet ibbenefikat minn restawr fuq it-Torri ta' Għajn Żnuber (Taċ-Ċantar). Is-Sur C. Debono qal li l-Mellieħa issa tneħħiet mil-lista ta' lokalitajiet li mhumiex eliġibbli f'dan ir-rigward.

4.2.4. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir rakkomandazzjoni sabiex tiġi rrestawrata l-kappella l-qadima tal-Manikata.

### 4.3.1. Skema dwar il-Libreriji Pubbliċi (L/4/Vol II)

4.3.2. Saret referenza għaċ-Cirkulari 8/2016, datat 19 ta' Lulju 2016, dwar l-iskema msemmija. Ġie spjegat li din tipprovdi għal għotja mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sa massimu ta' €600 strettament fuq kotba, kemm-il darba l-Kunsill jirrepplika l-istess nefqa. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li s-sejħa tagħlaq fit-3 ta' Awwissu 2016.

4.3.3. Il-Kunsill qabel li għandu japplika sabiex jibbenefika mill-iskema.

### 4.4.1. Jum Dinji tat-Tfal (A/5/3/Vol XIII)

4.4.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini rreferiet għall-ċirkulari datata 22 ta' Lulju 2016 mibgħuta mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal dwar iċ-ċelebrazzjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal, li kull sena jiġi iċċelebrat fl-20 ta' Novembru. Hija spjegat li din l-okkażjoni hija ntiża sabiex joħorġu l-bżonnijiet u talenti li għandhom it-tfal u ż-żgħażagħ. Din is-sena, l-Uffiċċju jixtieq li t-tfal kollha jipparteċipaw u jkunu l-protagonisti ta' din il-kommemorazzjoni. Għaldaqstant qed jħeġġeġ lill-

lokalitajiet kollha biex permezz tal-Kunsill Lokal rispettiv tagħhom ifakkru l-Jum Dinji tat-Tfal dakinhar stess li jaħbat il-Ħadd, jew matul il-ġimgħa li twassal għal dan il-Jum, bejn l-14 u l-20 ta' Novembru.

4.4.3. Is-Sinjura Brincat Stellini ppproponiet lill-Kunsill sabiex aktar 'il quddiem hija tkun tista' tressaq suġġerimenti dwar kif dan jista' iseħħ.

4.4.4. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi ċċelebrat il-Jum Dinji tat-Tfal fil-Mellieħa.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 22 ta' Lulju 2016.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet ippreżentata skeda ta' pagamenti li tkopri bejn it-12 u t-22 ta' Lulju 2016. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn id-9 ta' Ġunju u l-21 ta' Lulju 2016.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskedi msemmija.

6.4. Kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

**7.1.** ***Mozzjoni mressqa mis-Sindku J. Buttigieg u ssekondata mill-Kunsillier E. Bartolo li tgħid:***

***"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awissu 1999, twaqqfu l-onorefiċenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu iddistingwew ruħhom b'eċċellenza f`xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor jew għollew l-isem tal-lokalita`;***

***Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skont il-kriterji stabbiliti, illi baqgħu eliġibbli minn snin preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fil-15 ta' Ġunju 2016, liema nominazzjonijiet ġew evalwati mill-Bord ta' Rakkomandazzjoni sabiex jiġu stabbiliti l-merti tagħhom; u***

***Billi l-kriterji dwar in-numru ta' onorefiċenzi jistabilixxu li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda"; u***

***Billi l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni u/jew organizzazzjonijiet;***

***Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2015 il-Kunsill iddeċieda li għandu jingħata għarfien uffiċjali għal xi kontribut partikulari, permezz ta' l-unur "Apprezzament il-Mellieħa";***

***Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenzi "Ġieħ il-Mellieħa" għandhom jingħataw lil:***

- ***Professur Stephen Calleya – Akkademiku;***

***filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa" għandhom ikunu:***

- ***Mro. Anthony Borg - Surmast;***
- ***Is-Sur Wayne Borg St John - Sportiv; u***
- ***Is-Sur Joseph Cutajar – Amministrazzjoni fl-Isports.***

***Il-Kunsill jirriżolvi wkoll li għandu jingħata l-unur "Apprezzament il-Mellieħa" lil:***

- ***L-Arċipriet Joe Caruana – Restawr tax-xbieħa tal-Madonna tal-Mellieħa.***

***Il-Kunsill jirriżolvi wkoll illi l-medalji u l-insinji, flimkien mad-dokumenti relattivi, għandhom jiġu ppreżentati waqt serata organizzata apposta nhar il-Ħamis 28 ta' Lulju 2016.".***
**(A/5/3/1/Vol XVI)**

7.2. Tressaq ir-rapport tal-Bord ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Onorefiċenzi tad-19 ta' Lulju 2016.

7.3. Il-Kunsillier P. Cutajar innota li l-aspett soċjali tħalla barra mill-proposti mressqa mill-Bord u kien hemm persuni bħas-Sur Adrian Debono li għen lil persuni oħra waqt emerġenza li nqalgħet f'attività pubblika fl-4 ta' Ottubru 2015. Wara li għamel dan il-kumment, is-Sur P. Cutajar irtira mid-diskussjoni peress li huwa iben persuna li ismu huwa nkluż fil-mozzjoni (Joseph Cutajar).

7.4. Il-Kunsillier J. Gauci kkummenta li mir-rapport tal-Bord jidher li d-deċiżjoni diġa ttieħdet u l-Kunsill ser jintalab biss japprova dak li ddeċieda l-Bord.

7.5. Is-Sindku kkummenta li f'din l-edizzjoni, il-Bord ta priorità lill-aspetti: Professjonali/Akkademiċi; Kulturali/Mużikali, l-Isports, u il-Volontarjat. Kompla jgħid li meta wieħed jara r-rapport tal-Bord għall-edizzjoni 2015, jinduna li l-persuni rakkomandati għall-2016 kienu diġa ġew *shortlisted* is-sena ta' qabel, apparti s-Sur Borg St John, li temm il-karriera tiegħu fil-futbol fl-aħħar sena. Kompla jgħid li fl-edizzjoni 2015, il-Kunsill ma kienx addotta r-rakkomandazzjoni intiera tal-Bord, u fil-fatt kien iddeċieda li għal dik is-sena ma laqax ir-rakkomandazzjoni tal-Bord dwar l-għoti tal-unur Rikonoxximent il-Mellieħa lill-Prof. Stephen Calleya, peress il-merti tiegħu kienu jikkwalifikawħ għal Ġieħ il-Mellieħa. Għaldaqstant, kull Kunsillier seta' jressaq nomini oħra apparti dawk imressqa mill-Bord ta' Rakkomandazzjoni.

7.6. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo bl-astensjoni tal-Kunsillier P. Cutajar minħabba d-dikjarazzjoni li għamel skont il-minuta 7.3. aktar 'l fuq.

## 8.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2016 (A/5/3/5/Vol V)

8.2. Dwar l-attivitajiet tal-*offroading* u d-*drifting* li ser iseħħu il-Ħadd 31 ta' Lulju 2016, il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li ntalbet kopja tal-polza tal-assikurazzjoni qabel jinħareġ il-permess tagħhom. Apparti dan, ser jitqiegħdu barrikati tal-konkos u oħrajn mikrija mingħand il-Pulizija.

8.3. Ġie spjegat li nhar il-Ġimgħa 29 ta' Lulju s-servizz ta' *park-and-ride* minn fejn ir-*roundabout* ta' Selmun sa Triq l-Erwieħ ser ikun bejn is-7.00pm u 10.30pm. Is-Sibt u l-Ħadd ser jibda fl-istess ħin, iżda jkun bejn ir-*roundabout* ta' Selmun sa Triq Franġisk Zahra sat 8.00pm u sa 12.00am fi Triq San Pawl. It-toroq ewlenin ser jingħalqu fil-5.00pm is-Sibt u l-Ħadd, 30 u 31 ta' Lulju.

8.4. Is-Sur C. Bartolo għarraf tqassmu 20,000 *flyer* fil-lokalitajiet tan-naħa ta' fuq ta' Malta, li l-istampar tagħhom kien sponsorjat minn Splash & Fun Ltd. Kompla jgħid li l-entitajiet segwenti kkontribwew għall-Iljieli Melleħin bl-ammonti li ġejjin:

| | |
|---|---:|
| Dipartiment għall-Gvern Lokali | €4,000 |
| Awtorità Maltija tat-Turiżmu | €1,000 |
| Sunsites Ltd | €500 |
| DB Seabank Hotel | €1,000 |
| Malta National Aquarium | €500 |
| Maritim Hotel Antonin & Spa | €500 |
| Il-Bottegin | €1,100 |
| E-Casa | €250 |
| Aspen Ltd | €250 |

8.5. Il-Kunsill innota u approva l-azzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq.

**9.1. Sejħa għall-offerti Nru. 8/2016 - Iddisinjar, Tqassim u Stampar tan-*Newslette*r tal-Kunsill flimkien mal-Magazin għat-Tfal u Servizz ta' Illegar ta' Dokumenti (P/3/2/Vol IV)**

9.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li kien hemm erba' offerenti li wieġbu għas-sejħa li għalqet fit-18 ta' Lulju 2016. Mid-dokumentazzjoni sottomessa nġabar it-tagħrif segwenti:

| **Offerent** | **Somma Offruta marbuta mas-servizzi normalment mitluba** | **Skeda sħiħa ta' rati għas-servizzi kollha li jistgħu jintalbu** | **Total tas-Spejjeż tal-Impjegati kull Siegħa** |
|---|---|---|---|
| Media Today | €9,128 | Sottomessa | €11.53 (Impjegat fl-Ammistrazzjoni)<br><br>€11.15 (Impjegat fid-Disinn) |
| Salander Group Co. Ltd | €6,240 | Sottomessa | Ma ssottomettiex l-iskeda mitluba, iżda dikjarazzjoni fejn ma ngħatawx figuri. |
| Keen Ltd | €16,620 | Sottomessa | €40.00 |
| Gutenberg Press Ltd | €7,800 | Sottomessa | €9.81 |

9.3. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti fl-iskeda t'hawn fuq, il-Kunsill qabel li għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment tal-Kuntratti, sabiex jiġi stabbilit jekk id-dikjarazzjoni sottomessa minn Salander Group Co. Ltd hijiex aċċettabbli meta d-dokument tal-offerta kien jitlob li tingħata lista ta' rati minimi mħallsa lill-impjegati involuti fl-għoti tas-servizz mitlub. F'każ li le, id-Dipartiment għandu jiġi mistoqsi wkoll jekk tkunx f'lokha jekk din tintalab f'dan l-istadju bħala kjarifika marbuta mal-evalwazzjoni, mingħajr ma tbiddel is-somma kkwotata fl-offerta finanzjarja.

9.4. Kemm-il darba it-tweġiba mid-Dipartiment tal-Kuntratt tkun li l-Kunsill jipproċedi billi jitlob id-dokument imsemmi fil-minuta 9.3, u Salander Group Ltd jgħaddi d-dokument mitlub, l-ipproċessar tas-sejħa għandu jkompli bit-tressieq tal-mozzjoni quddiem il-Kunsill fis-seduta li jmiss.

**10.1. Sistema ta' dwal fi Triq Dun Manwel Grima u Misraħ il-Parroċċa fil-Manikata (P/4/31)**

10.2. Is-Segretarju aċċenna għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta Nru. 57 tal-14 ta' Ġunju 2016 u għarraf li l-kumpanija tal-assikurazzjoni li tkopri lill-Kunsill approvat li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-ħsarat li ġarbet is-sistema msemmija. Is-Sur C. Debono għarraf ukoll li ngħataw struzzjonijiet lill-kuntrattur tramite il-*Contract Manager* sabiex jinbidlu d-dwal li mhumiex jixgħelu. Kemm-il darba jkun hemm varjazzjonijiet mill-istima sottomessa mill-Kunsill, dawn għandhom jiġu notifikati lill-kumpanija tal-assikurazzjoni għall-konsiderazzjoni tagħha. Ġiet ukoll ċċarata verbalment il-proċedura dwar l-irkupru tal-ispejjeż, fejn il-Kunsill l-ewwel għandu jħallas lill-kuntrattur u sussegwentement il-Kunsill jirkupra l-ispejjeż wara li jissottometti l-kontijiet u r-riċevuti li jkopru l-ammonti imħallsa.

10.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħedet.

**11.1. Inizjattiva "Arti fil-Misraħ" (A/5/5/Vol IV)**

11.2. Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-inizjattiva msemmija ntemmet nhar il-Ġimgħa 22 ta' Lulju 2016. Ikkummentat li l-andament kien wieħed tajjeb u n-numru ta' nies li qed iżuru l-misraħ qed dejjem jikber.

11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**12.1. Spustjar ta' faċilitajiet għall-ipparkjar (T/3/2/Vol XII)**

12.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta 58 tat-30 ta' Ġunju 2016 dwar l-area riżervata għall-vetturi tal-Pulizija sabiex ma' tibqax fi Triq Ġorġ Borg Olivier fuq in-naħa tal-wied u terġa' tmur fejn kienet qabel, fuq in-naħa l-oħra tat-triq. Huwa qal li din il-materja tqanqlet waqt laqgħa li saret mas-Supretendent R. Mercieca illi qal li l-Pulizija stazzjonati fl-għassa tal-Mellieħa qed jilmentaw mill-fatt li attwalment qed isibuha diffiċli biex joħorġu malajr mill-parkeġġ riżervat għalihom peress li jkun hemm vetturi oħra marsusin wisq mal-vetturi tagħhom. Is-Sur E. Bartolo ppropona li l-area eżistenti tista' tiġi spussjata eżatt ma' ġenb il-*bus bay* li ħafna drabi tkun vojta, jew okkupata għal ħinijiet qosra.

12.3. Il-Kunsill innota l-proposta fil-minuta 12.2.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.00pm u ġieta aġġornata għal nhar it-Tlieta, 16 ta' Awwissu 2016 fis-7.00pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**